# KUMITAT AMMINISTRATTIV FLEUR-DE-LYS

## L-Akwidott…400 Sena Wara

## Kunċert Orkestrali

Sala tal-Kulleġġ Santa Tereża

13 ta' Diċembru, 2010

# 400 Sena t'Akwidott

Forsi meta nharsu lejn l-arkati tal-akwidott li jkennu l-lokal taghna ftit nahsbu dwar l-istorja sinjura li hemm marbuta maghhom. Forsi naghmlu dan ghax narawhom ta' kuljum.

Biss jekk wiehed jieqaf jahseb dwar dan il-progett ingenjali li ra' l-bidu tieghu 400 sena ilu mill-lum, jinnota kemm il-Fleur-de-lys laghab parti importanti fil-progett li wassal l-ilma fil-belt Valletta, deskritta bhala 'belt katavru' minhabba n-nixfa li kienet tesperjenza qabel il-progett tal-Gran Mastru Wignacourt. Il-bieb li darba kien jghaqqad naha m'ohra, apparti l-valur arkitettoniku tieghu u l-funzjoni tieghu biex iwassal l-ilma minn naha ghal ohra, kien protagonista fl-ghoti tal-isem lill-lokal taghna...il-Fleur-de-lys. Dan minhabba s-simboli li jirraprezenaw lil Wignacourt li kienu parti minn dan il-bieb monumentali.

Fl-okkazjoni tal-lejla nfakkru u niccelebraw dan il-monument nazzjonali, li grazzi ghall-diversi progetti ta' rinovar ghadna nistghu ingawdu sal-lum. L-attivita' tal-lejla hija wahda minn diversi ppjanati mill-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li jfakkar u jaghti kull gieh possibli lil dan il-progett ingineriku li sawwar parti mill-istorja ta' pajjizna u tal-belt Valletta. Fic-cokon tieghu il-lokal taghna gharaf jaghti importanza lil dan l-anniversarju importani u grazzi ghall-ghajnuna finanzjarja li kien eligibbli ghaliha gawda u holoq qafas ta' programm ta' celebrazzjoni ghal dan.

Huwa sabih li niccelebraw. Imma l-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys ma' jieqafx hemm.

Ninsabu f'diskussjonijiet avvanzati mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u Santa Venera flimkien mal-MEPA dwar il-bini mill-gdid tal-bieb ta' Fleur-de-lys...monument li ghandu jkompli jaghti l-identita' misthoqqa lill-lokal taghna.

F'isem shabi Antoine Attard, Tony Formosa, Emmanwel Farrugia u Ramona Montebello, nirringrazzjakom talli llejla ghaziltu li tfakkru maghna dan l-anniversarju importanti u nawguralkom Milied hieni u sena gdida b'dak kollu li tixtieq qalbkom.

**Ronald Briffa**

Chairperson

Fleur-de-lys

# Insahhu l-Identita tal-Komunitajiet

**Messagg mis-Segretarju Parlamentari ghall-Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika Chris Said**

Meta varajna l-kuncett tal-kunsilli lokali konna imnebbha mill-principju tas-sussidjarjeta' li nemmnu tant fih. Konna u ghadna konvinti li d-decizjonijiet ghandhom jittiehdu mill-eqreb livell possibbli tar-residenti.

Illum il-kunsilli lokali m'humiex biss realta' accettata izda realta' li hadmet u li qed taghmel id-differenza. Din is-sena komplejna nsahhu l-kuncett tas-sussidjarjeta' u s-sehem dirett tar-residenti fid-decizjonijiet li jolqtuhom permezz tat-twaqqif tal-kumitati amministrattivi.

Permezz ta' dawn il-kumitati, lokalitajiet zghar bi sfidi partikolari u differenti minn dawk tal-belt jew rahal li jinsabu fih, se jkollhom l-opportunita jindirizzaw il-problemi taghhom b'mod dirett u jaraw li s-soluzzjonijiet li jipprovdu jkunu jaqblu ma' dak jhossu l-membri tal-kommunita'.

Il-kumitati amministrattivi qed jigu appoggjati minn ghajnuna finanzjarja diretta u indiretta halli nkunu zguri li bil-mod il-mod jibdew jilhqu l-ghan taghhom.

Il-kuncert muzikali u attivitajiet ohra li jfakkru l-400 sena mill-bini tal-akwidott fi Fleur de Lys jiffurmaw wahda mill-innizzjattivi li qed igawdu minn skema specjali ta' finanzjament ghal progetti u inizzjattvi minn kumitati amministrattivi. Dan hu mod wiehed kif tkompli tissahhah l-identita' ta' din il-komunita'.

L-ghan tal-Gvern mhux li jzomm idejn dawn il-kumitati u jimponi fuqhom xi jwettqu jew ma jwettqux. L-iskop ahhari hu li dawn il-kumitati jinghataw l-ghodda biex jahdmu u jkunu l-ixprun ta' progetti u inizzjattivi li jtejjbu u jsebbhu l-lokalitajiet taghhom. L-ewwel sinjali huma inkoragganti u permezz ta' din l-iskema partikolari il-Gvern se jkun qed jiffinanzja 13 –il progett fil-komunitajiet iz-zghar.

Minn qalbi nawgura lill-kumitat amministarttiv ta' Fleur de Lys aktar hidma sfieqa b'risq il-komunita u, fl-isfond tal-attivita tal-lum, nawgura wkoll li dan il-kumitat jibqa' jaghti importanza u jesponi l-wirt storiku li jsebbah il-lokalita' u jaghtiha l-identita' taghha.

**Punti ta' Storja...**Informazzjoni migbura minn Antoine Attard

Il-Franciz Aloph De Wignacourt twieled nhar is-16 ta' Lulju tal-1547. Fil-25 t'Awissu tal-1566 inghaqad mal-Ordni mmexxi mill-Gran Mastru La Valette. Kien propju l-10 ta' Frar tal-1601 li Wignacourt inhatar Gran Mastru tal-Ordni.L-akbar problema li ffacjat l-belt Valletta meta tlestiet tinbena fl-1566 kienet il-provvista tal-ilma, tant li mad-dahla kien hemm skrizzjoni li tghid ' Belt b'nuqqas ta' ilma hija bhal katavru'. Kien fl-1610 li Wignacourt beda bil-missjoni tieghu; dik ta' progett li jwassal l-ilma sal-belt.

Fl-istess sena, il-gizwit Sqalli Padre Natale Tomasucci, mgharuf ghax-xoghol kbir li wettaq fl-inginerija fejn jidhol l-ilma, gie fdat bil-pjanti. Tomasucci malajr tefa ghajnejh fuq il-provisti tal-ilma li kienu jezisu fl-inhawi tal-hekk imsejha 'Citta Vecchia'. Il-hsieb ewlieni kien li jinqatghu kanali fil-blat biex l-ilma jivjagga taht l-art, b'hekk l-ilma jasal fil-belt frisk minhabba li ma kienx imiss mal-arja ta' barra. Wara diversi problemi li ltaqa maghhom waqt il-progett, Tomasucci marad u kellu jhalli l-gzira f'Jannar tal-1612.Wignacourt ma' qatax qalbu. B'intervent tal-Ambaxxatur tal-Ordni f'Ruma Bontadino de Bontadini nbghat Malta u gie fdat bil-progett, assistit mill-Malti Giovanni Attard u zewg inginiera Sqallin.

Issa gie deciz li jinbnew arkati stil ruman minn Hattard sal-Hamrun biex jissolvew il-problemi li habbat wiccu maghhom Tomasucci. L-ilma kellu jkompli trieqtu sas-subborg tal-furjana u l-Belt Valletta taht

l-art. F'punt partikolari inbena bieb wiesa bi tliet arkati, bis-simboli li jirraprezentaw llill-Gran Mastru Wignacourt u s-simbolu Franciz qabel ir-Rivoluzzjoni...is-simbolu tal-Fleur-de-lys, li eventwalment ta l-isem lil dan il-lokal u li ghadu jhaddnu b'tant kburija sal-lum. Il-bieb hekk imsejjah 'Ta' fleur-de-lys' kien indispensabbli biex l-ilma jaqsam minn naha ghall-ohra tat-triq, sakemm umbad jaqbad it-triq finali ghall-belt Valletta. Din l-arkata ntlaqtet darbtejn; fit-18 t' April al-1943 meta sewwieq ta' crane tas-servizzi Nglizi ma' kkalkulax tajjeb, laqat l-arkata u kkaguna hsara kbira fiha. Anqas minn sena wara, nhar it-22 ta' Frar tal-1944 habat ma' dak li kien fadal minn din l-arkata u kissirha ghal kollox. Ftit jiem wara Sir Hannibal Scicluna kiteb lis-Segretarju tal-istat biex jittiehdu l-passi mehtiega biex dan il-bieb jerga jinbena fl-istat originali tieghu...liema talba 67 sena wara ghada mhix milqugha.

L-akwidott kien twil 9 kilometri u sewa mal-114,868 skud, bil-maggoranza taghhom imhallsa mill-Gran mastru nnifsu. Mas-600 haddiem kienu nvoluti fil-bini ta' dan il-progett ambizzjuz li ha 4 snin biex tlesta

## Programm

Jidderiegi l-Orkestra tal-University of Malta Junior College

Mro Manoel Pirotta DNESM (Lyon) [M.A.] Dip CNR (Lyon) [B.A. (Hons.)] Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL LMusLCM

**A moment like this** - Jörgen Kjell Elofsson

**Go West** - Village People

**Air for winds** - André Waignein/ Arr.: Manoel Pirotta

**Glasnost** - Dizzy Stratford

**We are the Champions**

**In a Monastery Garden - Characteristic Intermezzo**

**Funiculi Funicula**

**L-Akwidott..400 Sena Wara**

Prezentazzjoni Awdjoviziva

**All I want for Christmas is You** – Mariah Carey/Walter Afanasieff

**Innu Studenti Universitarji** – Carmelo Pace (1906-93)

**Grazzi lil...**

Membri u helpers tal-Kumitat Amministrattiv Fleur-de-lys tal-ghajnuna taghhom,

Dr Frank Fabri - Principal tal-Kullegg Santa Tereza

Ms Rita Azzopardi u Mr Bernardo Riolo ghall-Iskola Primarja

Kunsill Lokali Birkirkara

Marbeck Spiteri - Prezentatrici

Segretarjat Parlamentari ghall-Kunsilli Lokali



Fleur-de-lys 2010